*fil-ħin tad-detenzjoni tiegħu u hekk kif huwa ntavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord l-appellant kien jinsab b'mod leġittimu f'Malta bis-saħħa tal-visa li kienet inħarġet favur tiegħu - għalhekk l-appell odjern huwa ammissibbli ai termini tat-Taqsima III tal-Kap. 217 - l-Uffiċjal Prinċipali appellat u anki l-Bord ma ndikawx fid-deċiżjoni rispettiva tagħhom liema dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 jew tar-regolamenti magħmulin taħtu kienu ġew miksura mill-imsemmi appellant - ma jirriżultax mil-liġi li l-appellant kien ipprojbit milli jsiefer lejn pajjiż terz, imma f'dik l-eventwalità huwa kien tenut jirrispetta dak li tirrikjedi mingħandu l-liġi ta' dak il-pajjiż sabiex il-pożizzjoni tiegħu tkun waħda leġittima*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 50/2023 LM

**Min Prasad Gurung (Detentur tal-Passaport Nepaliż bin-numru 12380219))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Min Prasad Gurung (Detentur tal-Passaport Nepaliż Nru. 12380219)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni tal-20 ta’ April, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’] fil-konfront tal-appellat **l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [minn issa ‘l quddiem ‘l-Uffiċjal Prinċipali appellat’], fejn ċaħad l-appell tiegħu, u ddikjara li meta nħarġet id-deċiżjoni għar-ritorn u t-tneħħija tiegħu, l-appellant kien kiser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 *et seq.* tal-Kap. 217.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. L-appellant wasal Malta fl-1 ta’ Ottubru, 2022, u nżamm fl-Ajruport Internazzjonali fis-7 ts’ Ottubru, 2022 hekk kif kien ser jitlaq lejn Porto fil-Portugall. Dakinhar stess l-Uffiċjal Prinċipali appellat ħareġ fil-konfront tiegħu deċiżjoni għar-ritorn u għat-tneħħija tiegħu minn Malta, għas-segwenti raġunijiet:

“- *you contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
- *you did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;”*

L-appellant kien stqarr lill-Uffiċjal Prinċipali appellat li huwa kien fi triqtu sabiex jattendi d-*Dashain Festival* li huwa ċċelebrat mill-poplu tan-Nepal f’dik il-belt, u kien ser jirritorna lejn Malta fit-13 ta’ Ottubru, 2022. Irriżulta li huwa kellu *visa* valida għall-fini ta’ xogħol mid-29 ta’ Lulju, 2022 sal-11 ta’ Novembru, 2022, u

kien tenut li jakkwista l-permess uniku. Il-prinċipal prospettiv ikkonferma mal-Uffiċjal Prinċipali appellat li sadanittant l-appellant kien attenda għal *interview,* iżda ma kienx għadu beda jaħdem, b'dana li waqt l-imsemmi *interview* huwa kien semma li kien ser jattendi l-festival suriferit.

## Mertu

3. L-appellant appella d-deċiżjoni quddiem il-Bord fis-16 ta' Ottubru, 2022 fejn ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu permezz tal-avukat difensur tiegħu, u dan sabiex jiġi rilaxxjat immedjatament mid-detenzjoni.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Applicable Law*
>
> *Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that,* "any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant".
>
> *Article 5(2)(a) then goes on to say* "if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds";
>
> (b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or
>
> (c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the

Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or

**(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or**

**(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;** or

(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) If he is dependent of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article;

***<u>Considerations</u>***

*From evidence produced the Immigration Appeals Board notes that appellant failed to convince this Board of his true intentions. Reason given, that of travelling to Porto to participate in the Dashain festival does not tally when one is to consider the limited time appellant had from the day he was travelling to Porto (the 7th of October 2022) and the end date of the festival (the 9th of October, 2022), considering that appellant arrived in Malta way before, that is on the 01st of October, 2022.*

*Also, the single permit application had to be finalized and if this document is deemed to be so important to appellant as he states in his affidavit, the Immigration Appeals Board finds it hard to believe that appellants priority was to travel to Porto to participate in a festival, rather than finalise the single permit process. This besides the fact that the visa issued to appellant is not a one way ticket out of Malta."*

**<u>L-Appell</u>**

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-28 ta' April, 2023, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

> *"...tilqa' l-aggravji tal-appellant u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u l-*entry ban *maħruġin mill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni datati 7 ta' Ottubru 2022 u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 20 t'April 2023 u dan sabiex l-esponenti ikun jista' jitħalla jintavola applikazzjoni ġdida għall-permess ta' residenza ġewwa Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) il-Bord applika ħażin id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 5(2) tal-Kap. 217; (b) il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi; u (ċ) il-Bord m'osservax il-prinċipju ta' *audi alteram partem;* (d) l-Uffiċjal Prinċipali għamel interpretazzjoni skorretta tal-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità u l-element uman.

6. L-Uffiċċjal Prinċipali appellat wieġeb fil-31 ta' Lulju, 2023, fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u korretta, u għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra kwistjoni ta' natura preliminari li qiegħed jissolleva l-Uffiċjal Prinċipali appellat, fejn dan qiegħed jikkontendi li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-

subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Jispjega li skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt "*rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III*"*,* u dan fejn jinsisti li l-appellant mhuwiex wieħed minn dawk il-persuni li huma ndikati taħt dik it-Taqsima għaliex huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Jgħid li dan huwa skont kif iddeċidiet din il-Qorti f'diversi sentenzi tagħha li huwa jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għalihom, u jiċċita diversi siltiet minnhom in sostenn tal-argument tiegħu.

8. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern, l-appellant kien wasal hawn Malta min-Nepal fl-1 ta' Ottubru, 2022 wara li kienet inħarġitlu *visa* li kellha validità għall-perijodu bejn id-29 ta' Lulju, 2022 u l-11 ta' Novembru, 2022, iżda huwa ġie mwaqqaf fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-7 ta' Ottubru, 2022 hekk kif kien fi triqtu lejn Porto fil-Portugall sabiex skont hu, iżur id-*Dashain Festival* li huwa ċċelebrat mill-poplu Nepaliż. Għalhekk meħud in konsiderazzjoni n-nazzjonalità tiegħu kif evidenti mill-kopja tal-passaport tiegħu esebita fl-atti tal-Bord, indubbjament huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, iżda ċertament fil-ħin tad-detenzjoni tiegħu u hekk kif huwa ntavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord, l-appellant kien jinsab b'mod leġittimu f'Malta bis-saħħa tal-*visa* li kienet inħarġet favur tiegħu minn hawnhekk stess, u dan kif jikkontendi ġustament l-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu. B'hekk l-Uffiċjal Prinċipali appellat m'għandux raġun meta jikkontendi li l-appell odjern huwa inammissibbli stante li l-appellant mhux persuna ndikata taħt it-Taqsima

III tal-Kap. 217. Jonqos għalhekk li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant.

*L-ewwel aggravju: [il-Bord applika ħażin is-subartikolu 5(2) tal-Kap.217]*

9. Jibda jispjega l-ewwel aggravju tiegħu billi jissottometti li l-Uffiċjal Prinċipali appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-para. (e) u (f) tas-subartikolu 5(2) tal-Kap. 217. Madankollu, kemm l-appellat, kif ukoll il-Bord, ma taw l-ebda indikazzjoni ta' liema provvedimenti ta' dik il-liġi jew ta' xi regolament magħmul taħtha huwa kien kiser. Jikkontendi li filfatt m'hemm l-ebda provvediment li jżomm persuna fil-pussess ta' *visa* valida li jaqbad titjira u jmur vaganza biex jiltaqa' mal-ħbieb u mal-familjari. L-appellant jispjega li f'dak iż-żmien huwa kien qiegħed Malta wara li ġie ppreżentat b'*approval in principle letter* minbarra l-imsemmija *visa,* sabiex b'hekk huwa jiġi Malta u jkompli l-proċess għall-applikazzjoni tiegħu bl-għan aħħari li jinħariġlu permess ta' residenza. Jikkontendi li l-*visa* kienet valida sat-23 ta' Ottubru, 2022, u għalhekk huwa kien baqgħalu madwar tliet ġimgħat sabiex jagħlaq il-proċess tal-applikazzjoni tiegħu għall-permess ta' residenza.

10. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jwieġeb li l-*visa* maħruġa lill-appellant kienet waħda għal skopijiet ta' mpjieg, u dan kif inhu muri fl-istess dokument, u ċertament mhux għall-iskop ta' safar. B'hekk ġaladarba din il-kundizzjoni ma ġietx rispettata, kienu ġew miksura d-dispożizzjonijiet tal-para. (e) u (f) tal-artikolu 5 tal-Kap. 217. Għal dak li jirrigwarda l-insistenza tal-appellant li *"ma hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jaqra li xi ħadd li huwa fil-pussess ta' visa valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ma jistax jaqbad titjira biex imur vakanza...",* jissottometti li l-iskop tal-*visa* kien wieħed ċar, u l-liġi li tirregolaha

ukoll kienet ċara. Jikkontendi li huwa żbaljat ukoll l-appellant meta jsostni li l-Bord ma ndikax liema regolament huwa kien kiser, għaliex il-Bord kien iċċita u enfasizza l-artikoli tal-liġi in kwistjoni u għarbel il-provi, filwaqt li daħal fil-fond fir-rigward tal-iskop għaliex kienet inħarġet il-*visa.*

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-appellant għandu raġun. Tagħraf li tassew l-Uffiċjal Prinċipali appellat u anki l-Bord ma ndikawx fid-deċiżjoni rispettiva tagħhom liema dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 jew tar-regolamenti magħmulin taħtu kienu ġew miksura mill-imsemmi appellant. Tagħraf ukoll li ma jirriżultax mil-liġi li huwa kien ipprojbit milli jsiefer lejn pajjiż terz, iżda mingħajr dubju f'dik l-eventwalità huwa kien tenut jirrispetta dak li tirrikjedi mingħandu l-liġi ta' dak il-pajjiż sabiex il-pożizzjoni tiegħu tkun waħda leġittima. Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li taħthom huwa ngħata permess sabiex jidħol f'Malta, tassew il-*visa* tiegħu tillimita dan għax-xogħol, iżda mkien m'hemm indikat li huwa pprojbit milli jsiefer lejn pajjiż terz, sew jekk wieħed marbut bil-Ftehim dwar Fruntiera sew jekk le.

12. Għandu jingħad ukoll li mill-affidavit tal-appellant, jirriżulta li oriġinarjament kien Smart Supermarket ġewwa Birkirkara li kellu japplika għan-nom tiegħu sabiex jinħariglu permess uniku, iżda wara li huwa kien ġie miżmum fl-ajruport u hekk kif inħeles mid-detenzjoni, huwa kien mar javviċinahom sabiex jassigura li jitkomplew il-proċeduri relattivi. Madankollu dawn kienu nfurmawh li ma kienux iktar interessati fl-impjieg tiegħu stante li l-perijodu kien wieħed *'low season'* għan-negozji lokali, u ma kienux xtaqu jiġu nvoluti f'dak li kien ġralu. Ċertament ġaladarba l-applikazzjoni ma tkunx saret u l-ebda ftehim ta' mpjieg ma jkun ġie ffirmat, l-impjegat prospettiv ma jkollu xejn x'juri li l-

proċess għall-impjieg tiegħu hawn Malta jkun beda u tassew għandu jingħad li l-pożizzjoni tiegħu hawn Malta sfortunatament tiddependi għal kollox fuq dak li jfettilu jagħmel l-prinċipal prospettiv fil-konfront tiegħu.

13. Għandu jiġi rilevat ukoll li skont dak li hemm miktub fil-verbal tas-seduta tal-Bord tas-17 ta' Novembru, 2022, l-Ispettur Roberts spjega lill-istess Bord li d-*duty officers* kienu ċemplu lill-prinċipal tal-appellant, ċertu Jimmy Vassallo, li qal li dan kien mar għal *interview,* fejn l-appellant semma li huwa kien sejjer għad-*Dashian Festival,* iżda sussegwentement qatt ma daħal għax-xogħol. Il-Qorti tirrileva li l-ebda xhud jew prova ma tressqet in sostenn ta' dawn is-sottomissjonijiet, anki li wara l-*interview* l-appellant kien ġie aċċettat sabiex jaħdem. Lanqas huwa ċar jekk hemmx ness bejn Jimmy Vassallo u Smart Supermarket, li skont l-appellant kellhom jintavolaw applikazzjoni għal permess uniku għan-nom tiegħu.

14. Għalkemm il-Bord iddikjara li huwa ma kienx jinsab konvint dwar l-intenzjonijiet veri tal-appellant għaliex dan kien ser isiefer lejn Porto proprju lejn l-aħħar jiem tad-*Dashain Festival,* saħansitra qabel ma kkonkluda l-proċeduri sabiex jikseb il-permess uniku hawn Malta, tirrileva li l-provi min-naħa tal-Uffiċjal Prinċipali appellat huma pjuttost skjetti kif ġja ġie rilevat minn din il-Qorti. Għalhekk, anki jekk il-Qorti kellha tindaga dwar l-allegat fatt li l-appellant kellu motivi ulterjuri għat-tluq tiegħu minn Malta, u li ma kienux konformi mal-kundizzjoni li għaliha nħarġet il-*visa* tiegħu, hija ma ssib xejn fl-atti li jistgħu jsostnu din l-allegazzjoni.

15. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tal-appellant ġustifikat u tilqgħu, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra stante li dan l-ewwel aggravju waħdu jwassal sabiex tintlaqa' t-talba tal-appellant għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi tirrevoka wkoll d-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali appellat tas-7 ta' Ottubru, 2022 għar-ritorn u għat-tneħħija tiegħu minn Malta, flimkien mal-*entry ban* maħruġa fl-istess jum, sabiex b'hekk l-appellant jista' jippreżenta applikazzjoni ġdida għal permess ta' residenza f'Malta.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern u dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom ikunu a karigu tal-Uffiċjal Prinċipali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**